

Brussell, 1 ta' Marzu 2017
(OR. en)

6841/17

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0148 (COD)

CLIMA 51
ENV 215
ENER 96
TRANS 88
IND 50
COMPET 154
MI 175
ECOFIN 160
CODEC 296

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	28 ta' Frar 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6307/17	CLIMA 37 ENV 134 ENER 44 TRANS 63 IND 38 COMPET 93 MI 131 ECOFIN 91 CODEC 212
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jittejjbu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju
	- Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż, għall-informazzjoni, it-test li fuqu l-Kunsill (Ambjent) laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta msemmija hawn fuq fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Frar 2017.

Il-bidliet għall-verżjoni preċedenti tat-test (dok. 6307/17), kif jirriżultaw mid-diskussjoni fil-Kunsill huma indikati b' **tipa grassa u ssottolinjata**. It-test jintegra wkoll għadd żgħir ta' bidliet legali/lingwistiċi u editorjali. It-test imħassar huwa mmarkat bħala [...]. Il-bidliet ta' qabel għall-proposta tal-Kummissjoni huma ssottolinjati.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitlejbu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea¹,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ stabbilixxiet skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni sabiex tippromwovi t-tnaqqis tal-gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti.
- (2) Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 ħa impenn li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġenerali tal-Unjoni tal-anqas b'40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija jinħtieġ li jikkontribwixxu għall-kisba ta' dan it-tnaqqis ta' emissjonijiet u l-mira ser tintlaħaq bl-aktar mod kosteffettiv permezz tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) bi tnaqqis ta' 43 % taħt il-livelli tal-2005 sal-2030. Dan kien ikkonfermat fl-impenn intenzjonat ta' tnaqqis iddeterminat nazzjonalment tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ppreżentat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima fis-6 ta' Marzu 2015⁵.
- (2a) Il-Ftehim ta' Pariġi ġie adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 u daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet tiegħu qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Il-Partijiet qablu wkoll li jevalwaw perjodikament l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi biex jivvalutaw il-progress kollettiv biex jintlaħaq l-iskop tal-Ftehim u l-miri tiegħu fuq perijodu twil ta' żmien. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jinħtieġ li jinżammu taħt eżami fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-iżvilupp ta' miżuri politiċi dwar il-klima f'ekonomiji kbar oħrajn.

⁴ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

⁵ <http://www4.unfccc.int/submissions/indc/Submission%20Pages/submissions.aspx>

- (3) Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li EU ETS riformata li taħdem tajjeb bi strument biex jistabbilizza s-suq ser tkun l-istrument Ewropew ewlieni biex tintlaħaq din il-mira, b'fattur ta' tnaqqis annwali ta' 2,2 % mill-2021 'il quddiem, allokkazzjoni bla ħlas li ma tiskadix iżda miżuri eżistenti li jkomplu wara l-2020 għall-prevenzjoni tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-politika dwar il-klima, sakemm ma jsirux sforzi komparabbli f'ekonomiji kbar oħrajn, mingħajr ma jitnaqqas is-sehem ta' kwoti li jrid isir irkant tagħhom. Is-sehem tal-irkant jinħtieġ li jiġi espress bħala ċifra perċentwali fil-leġislazzjoni, biex tittejjeb iċ-ċertezza tal-ippjanar fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' investment, biex tizzied it-trasparenza u biex is-sistema ġenerali ssir aktar sempliċi u faċli biex wieħed jifhimha.
- (4) Hija prijorità ewlenija tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija reżiljenti biex tipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezzijiet li jintlaħqu liċ-ċittadini tagħha. Il-kisba ta' dan jitlob kontinwazzjoni ta' azzjoni klimatika ambizzjuża bl-EU ETS bħala l-pedament tal-politika tal-Ewropa dwar il-klima, u progress fuq l-aspetti l-oħra tal-Unjoni tal-Energija⁶. L-implimentazzjoni tal-ambizzjoni deċiża fil-qafas għall-2030 tikkontribwixxi għall-kisba ta' prezz tal-karbonju sinifikanti u l-kontinwazzjoni tal-istimulazzjoni ta' tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.
- (5) L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jitlob li l-politika tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u, fuq il-bażi ta' dan, id-Direttiva 2003/87/KE tipprovdi għal transizzjoni għal irkant sħiħ maż-żmien. L-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju hija ġustifikazzjoni biex tiġi posposta t-transizzjoni sħiħa, u l-allokkazzjoni bla ħlas u mmirata tal-kwoti lill-industrija hija ġġustifikata sabiex jiġu indirizzati r-riskji ġenwini ta' żidiet fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiżi terzi fejn l-industrija mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet tal-karbonju komparabbli sakemm ma jitwettqux miżuri ta' politika dwar it-tibdil fil-klima komparabbli minn ekonomiji ewlenin oħra.

⁶ 6594/15 - COM(2015)80, li jistabbilixxi Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem

- (6) L-irkant ta' kwoti għadu r-regola ġenerali, bl-allokazzjoni bla ħlas bħala l-eċċezzjoni. [...] Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni⁷ tispeċifika li s-sehem tal-kwoti li għandu jiġi rkantat kien 57 % matul il-perijodu 2013-2020. Fil-prinċipju, is-sehem jinħtieġ li jibqa' 57 %. Is-sehem huwa magħmul minn kwoti li sar irkant tagħhom f'isem l-Istati Membri, fosthom kwoti mwarrba għal dawk li jidħlu ġodda iżda mhux allokati, kwoti għall-modernizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku f'xi Stati Membri u kwoti li jrid isir irkant tagħhom aktar 'il quddiem minħabba t-tqegħid tagħhom fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita mid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. Kwoti użati biex jappoġġaw l-innovazzjoni mhumiex inklużi f'dan is-sehem. Fil-każ li minħabba d-domanda għal kwoti bla ħlas tqum il-ħtieġ li jiġi applikat fattur korrettiv uniformi transettoralji qabel l-2030, is-sehem tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati matul il-perijodu ta' għaxar snin li jibda fl-1 ta' Jannar 2021 jinħtieġ li jitnaqqas sa 2 % tal-kwantità totali. Għall-finijiet ta' solidarjetà, tkabbir u interkonnessjonijiet, 10 % tal-kwoti tal-ETS tal-UE li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri jinħtieġ li jitqassmu fost dawk il-pajjiżi li l-PDG per capita tagħhom ma qabiżx id-90 % tal-medja tal-UE (fl-2013), u l-bqija tal-kwoti jinħtieġ li jitqassmu fost l-Istati Membri kollha abbażi ta' emissjonijiet verifikati. Id-deroga mill-kontribuzzjonijiet għal dan it-tqassim fil-perijodu 2013-2020 għal ċerti Stati Membri b'livell medju ta' dħul per capita ta' iżjed minn 20 % oġhla mill-medja fl-Unjoni jinħtieġ li tiskadi.

⁷ 11065/15 ADD2 - SWD (2015) 135 final.

⁸ Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1).

- (7) Sabiex jiġi ppreservat il-benefiċċju ambjentali tat-tnaqqis ta' emissjonijiet fl-Unjoni filwaqt li azzjonijiet minn pajjiżi oħra ma jagħtux inċentivi kumparabbli lill-industrija biex tnaqqas l-emissjonijiet, l-allokazzjoni bla ħlas jinħtieġ li tkompli għal installazzjonijiet f'setturi u sottosetturi f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-esperjenza miġbura matul it-tħaddim tal-EU ETS ikkonfermat li s-setturi u s-sottosetturi huma fir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju sa livelli differenti, u li l-allokazzjoni bla ħlas ippreveniet ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Filwaqt li xi setturi u sottosetturi jistgħu jitqiesu li għandhom riskju oġġla ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, oħrajn jistgħu jgħaddu sehem konsiderevoli tal-ispejjeż tal-kwoti biex ikopru l-emissjonijiet tagħhom fil-prezzijiet tal-prodotti mingħajr ma jtilfu s-sehem fis-suq u jġarrbu biss il-parti li jifdal tal-ispejjeż sabiex ikunu f'riskju baxx ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-Kummissjoni jinħtieġ li tiddetermina u tiddifferenzja s-setturi rilevanti abbażi tal-intensità tal-kummerċ u l-intensità tal-emissjonijiet tagħhom biex tidentifika aħjar is-setturi f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Waqt li l-valutazzjoni tas-setturi u s-sottosetturi jinħtieġ li ssir fil-livell ta' 4 figuri (kodiċi NACE-4), jinħtieġ li jiġu previsti ċirkostanzi speċifiċi fejn jista' jkun xieraq li jkun hemm il-possibbiltà li tintalab valutazzjoni fil-livell ta' 6 figuri jew ta' 8 figuri (Prodcom). Din il-possibbiltà jinħtieġ li teżisti fejn s-setturi u s-sottosetturi jkunu tqiesu qabel bħala esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell Prodcom, filwaqt li jitqies ukoll li ċerti kodiċijiet NACE, speċjalment dawk li jintemmu .99, jergġu jiġbru flimkien attivitajiet eteroġeni li mhumiex ikklassifikati xi mkien ieħor (n.e.c.). Fejn settur jew sottosettur ikun soġġett għall-punt ta' riferiment tar-raffineriji u punt ta' riferiment ta' prodott ieħor, din iċ-ċirkostanza jinħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni. Fejn, abbażi ta' dawn il-kriterji, jinqabeż livell limitu ddeterminat billi titqies il-possibbiltà rispettiva għas-setturi u s-sottosetturi kkonċernati li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti, is-settur jew is-sottosettur jinħtieġ li jitqies f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Jinħtieġ li setturi oħrajn jitqiesu li għandhom riskju baxx jew l-ebda riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Jekk jitqiesu l-possibbiltajiet għas-setturi u s-sottosetturi barra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti għandu jonqos ukoll il-qliġ mhux mistenni.

- (8) Iċ-ċifri tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas applikabbli mill-2013 'il quddiem jinħtieġ li jiġu eżaminati sabiex jiġi evitat qligħ mhux mistenni u jiġi rifless il-progress teknoloġiku fis-setturi kkonċernati fil-perijodu bejn l-2007 u l-2008 u kull perijodu ta' wara li għalih jiġu ddeterminati allokazzjonijiet bla ħlas skont l-Artikolu 11(1). Sabiex jiġi rifless il-progress teknoloġiku fis-setturi kkonċernati u sabiex dawn jiġu aġġustati għall-perijodu rilevanti tal-allokazzjoni, jinħtieġ li jiġu previsti ċ-ċifri tal-parametri referenzjarji għal allokazzjonijiet bla ħlas lil installazzjonijiet, iddeterminati fuq il-bażi ta' data mis-snin 2007-2008, li għandhom jiġu aġġornati f'konformità mat-titjib [...] osservat. Għal raġunijiet ta' prevedibbiltà, dan jinħtieġ li jitwettaq permezz tal-applikazzjoni ta' fattur li jirrappreżenta l-aħjar valutazzjoni tal-progress fis-setturi, li mbagħad jinħtieġ li jqis data soda, oġġettiva u verifikata mill-installazzjonijiet, filwaqt li titqies il-prestazzjoni tal-10 % tal-aktar installazzjonijiet effiċjenti, sabiex [...] iċ-ċifri tal-parametru referenzjarju jirriflettu r-rata attwali ta' titjib. Fejn id-data turi tnaqqis annwali ta' inqas minn 0,2 % jew aktar minn 1,5 % taċ-ċifra tal-2007-2008 [...] tul il-perijodu rilevanti, iċ-ċifra tal-parametru referenzjarju relatat jinħtieġ li tiġi aġġustata b'rati oħrajn minbarra r-rati attwali ta' titjib biex jiġu ppreservati l-inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u biex l-innovazzjoni tiġi ppremjata kif xieraq. Għall-perijodu 2021-2025, dawn iċ-ċifri tal-parametru referenzjarju jiġu aġġustati għal kull sena bejn l-2008 u nofs dak il-perijodu b'0,2 % jew 1,5 %, u b'hekk iwasslu għal titjib ta' 3 % jew 22,5 % rispettivament meta mqabbla maċ-ċifra applikabbli fil-perijodu 2013-2020. Għall-perijodu 2026-2030, jiġu aġġustati bl-istess mod, u b'hekk iwasslu għal titjib ta' 4 % jew 30 % rispettivament meta mqabbla maċ-ċifra applikabbli fil-perijodu 2013-2020. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-produzzjoni ta' aromatiċi, idroġenu u gass sintetiku fir-raffineriji u l-impjanti kimiċi, iċ-ċifri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku jinħtieġ li jkomplu jiġu allinjati mal-parametri referenzjarji tar-raffineriji.

(8a) Il-livell ta' allokazżjoni bla ħlas għal installazzjonijiet jinħtieġ li jkun allinjat aħjar mal-livelli ta' produzzjoni attwali tagħhom. Għal dan il-għan, l-allokazżjonijiet għandhom jiġu aġġustati perjodikament b'mod simmetriku biex iqisu żidiet u tnaqqis rilevanti fil-produzzjoni. Data użata f'dan il-kuntest għanda tkun sħiħa, konsistenti, verifikata indipendentement u għandha tippreżenta l-istess livell għoli ta' eżattezza u kwalità bħad-data użata biex tiddetermina l-allokazżjoni bla ħlas. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed, filwaqt li tqis id-data tal-għeluq li tapplika għan-notifika dwar bidliet fil-produzzjoni, u filwaqt li żżomm f'moħħha l-ħtieġa li l-bidliet fl-allokazżjonijiet isiru b'mod effettiv, uniformi u mhux diskriminatorju, il-Kummissjoni għandha mnejn tikkunsidra li jittieħdu aktar miżuri, bħall-użu ta' medja mobbli jew parametri referenzjarji assoluti għall-bidliet li jsiru fl-allokazżjonijiet, jew fir-rigward tad-data tal-għeluq li tapplika għan-notifika dwar il-bidliet fil-produzzjoni.

- (9) Idealment l-Istati Membri [...]jikkumpensaw parzjalment, skont ir-regoli tal-ġhajna mill-istat, ċerti installazzjonijiet f' setturi jew sottosetturi li jkunu ġew ideterminati li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż marbuta mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku. **Billi jfittxu li jużaw mhux aktar minn 25 % tad-dħul iġġenerat mill-irkant għall-kumpens ta' spejjeż indiretti, l-Istati Membri x'aktarx li jiffaċilitaw kemm il-kisba tal-oġettivi tal-EU ETS kif ukoll il-preservazzjoni tal-integrità tas-suq intern u tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni.** Sabiex tiżdied it-trasparenza dwar sa liema punt jingħata tali kumpens, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw regolarment lill-pubbliku dwar il-miżuri li għandhom fis-seħħ u l-benefiċjarji filwaqt li jiżguraw, madankollu, li n-natura kunfidenzjali ta' ċerta informazzjoni u tħassib relatat dwar il-protezzjoni tad-data jitqiesu kif dovut. Fejn Stat Membru juża ammont sinifikanti mid-dħul mill-irkant tiegħu għall-kumpens tal-ispejjeż indiretti, hemm iżjed interess li r-raġunijiet għal din l-għażla jsiru pubbliċi. Meta tkun qed tirrevedi l-linji gwida dwar l-ġajna mill-Istat rigward il-kumpens indirett, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, fost l-oħrajn, is-siwi ta' limiti massimi fuq il-kumpens mogħti mill-Istati Membri. [...] Ir-reviżjoni tad-Direttiva jinħtieġ li tiegħu inkonsiderazzjoni l-punt sa fejn dawk il-miżuri finanzjarji kienu effikaċi biex ġew evitati riskji sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti. Il-finanzjament għall-klima mis-settur pubbliku ser ikompli jaqdi rwol importanti fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi wara l-2020. Għalhekk, id-dħul mill-irkant jinħtieġ li jintuża wkoll għal azzjonijiet ta' finanzjament għall-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti tal-klima. L-ammont ta' finanzjament għall-klima li jrid jiġi mmobilizzat ser jiddependi wkoll fuq l-ambizzjoni u l-kwalità tal-kontributi maħsuba determinati fil-livell nazzjonali (INDCs) proposti, il-pjanijiet ta' investiment sussegwenti u l-proċessi ta' ppjanar għall-adattament nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul mill-irkant għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-rilokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-transizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni.

(10) L-inċentiv ewlieni fuq perijodu twil ta' żmien mi[...]d-Direttiva 2003/87/EC għall-ġbir u l-ħżin tas-CO₂ (QHK), teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u innovazzjoni rivoluzzjonarja fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, fosthom ġbir u użu tal-karbonju li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent (ĠUK), huwa s-sinjall tal-prezz tal-karbonju li toħloq u li l-kwoti mhux ser ikun jeħtieġ li jiġu ċeduti għal emissjonijiet ta' CO₂ li jinħażnu b'mod permanenti jew jiġu evitati. Barra minn hekk, sabiex jiġu ssupplimentati r-riżorsi li diġà qed jintużaw biex jaċċelleraw id-dimostrazzjoni ta' faċilitajiet tal-QHK kummerċjali u teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, il-kwoti tal-EU ETS għandhom jintużaw biex jagħtu premji garantiti għall-użu ta' faċilitajiet tal-QHK jew tal-ĠUK, teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u innovazzjoni industrijali f'teknoloġiji u proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fl-Unjoni għal CO₂ maħżun jew evitat fuq skala suffiċjenti, dejjem jekk ikun hemm fis-seħħ ftehim dwar il-qsim tal-ġarfin. Il-maġġoranza ta' dan l-appoġġ għandha tkun tiddependi fuq l-evitar verifikat ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li jista' jingħata ċertu appoġġ meta jintlaħqu ċerti miri predeterminati filwaqt li titqies it-teknoloġija użata. Il-perċentwal massimu tal-ispejjeż tal-proġetti li jkunu jridu jiġu appoġġati jista' jvarja skont il-kategorija ta' proġett.

(10a) Il-Greċja kellha PDG per capita ta' inqas minn 60 % tal-medja tal-Unjoni fl-2014 iżda ma tibbenefikax mill-Fond għall-Modernizzazzjoni, u għalhekk għandha tkun tista' titlob kwoti biex tikkofinanzja d-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-elettriku tal-gżejjer fit-territorju tagħha. Dawn il-kwoti jinħtieġ li jiġu mill-ammont massimu msemmi fl-Artikolu 10(5) li ma jkunux ġew allokat i mingħajr ħlas sal-31 ta' Diċembru 2020. Dawn il-kwoti jinħtieġ li jiġu rkantati skont l-arranġamenti applikabbli għall-Fond għall-Modernizzazzjoni.

- (11) Jinħtieġ li jiġi stabbilit Fond għall-Modernizzazzjoni mit-2 % tal-kwoti totali tal-EU ETS, u jiġi rkantat skont ir-regoli u l-modalitajiet għall-irkanti li jseħħu fuq il-Pjattaforma Komuni tal-Irkant stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni 1031/2010⁹. L-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG ir-ras skont ir-rati tal-kambju tas-suq ta' inqas minn 60 % taħt il-medja tal-Unjoni għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-Fond għall-Modernizzazzjoni u jkunu jistgħu jingħataw deroga sal-2030 mill-prinċipju ta' rkant sħiħ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku billi jużaw l-għażla ta' allokkazzjoni bla ħlas sabiex jippromwovu b'mod trasparenti investimenti reali li jimmodernizzaw is-settur tal-enerġija tagħhom filwaqt li jevitaw distorsjonijiet tas-suq intern tal-enerġija. Investimenti taħt il-Fond għall-Modernizzazzjoni bl-għan li jtejbu l-effiċjenza enerġetika jistgħu jinkludu investimenti f'koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, [...] tisħin distrettwali u l-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq. Ir-regoli għat-tmexxija tal-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti, komprensiv u trasparenti biex jiżguraw l-aktar implimentazzjoni effiċjenti possibbli, filwaqt li jqisu l-ħtieġa li l-parteċipanti kollha jkollhom aċċess faċli. Il-funzjoni tal-istruttura tat-tmexxija għandha tkun proporzjonata mal-iskop li jiġi żgurat l-użu xieraq tal-fondi. Din l-istruttura ta' tmexxija jinħtieġ li tinkludi kumitat ta' investiment [...] u jinħtieġ li jitqies kif xieraq l-għarfien espert tal-BEI fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet sakemm ma jingħatax appoġġ lil proġetti żgħar permezz ta' self minn bank promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet minn programm nazzjonali bl-istess għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. [...] Sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet ta' investiment fi Stati Membri bi dħul baxx jiġu indirizzati kif adegwat, il-fondi għall-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri fuq il-bażi ta' kombinazzjoni ta' sehem ta' 50 % tal-emissjonijiet verifikati u sehem ta' 50 % tal-kriterji tal-PDG. L-għajnuna finanzjarja mill-Fond għall-Modernizzazzjoni tista' tingħata permezz ta' forom differenti.

⁹ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1).

- (12) Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 ikkonferma li l-modalitajiet, fosthom t-trasparenza, tal-allokazzjoni bla ħlas fakultattiva għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija f'ċerti Stati Membri għandhom jittejbu. L-investimenti b'valur ta' EUR 15-il miljun jew iżjed għandhom jintgħażlu mill-Istat Membru kkonċernat permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti fuq il-bażi ta' regoli ċari u trasparenti biex jiġi żgurat li l-allokazzjoni bla ħlas tintuża biex tippromwovi investimenti reali li jimmodernizzaw is-settur tal-enerġija f'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. Investimenti b'valur ta' inqas minn EUR 15-il miljun għandhom ikunu eliġibbli wkoll għal finanzjament mill-allokazzjoni bla ħlas. L-Istat Membru kkonċernat jinħtieġ li jagħżel investimenti bħal dawn fuq il-bażi ta' kriterji ċari u trasparenti. Ir-riżultati ta' dan il-proċess ta' għażla għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika. Il-pubbliku jinħtieġ li jinżamm infurmat kif xieraq fl-istadju tal-għażla tal-proġetti ta' investiment kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tagħhom.
- (13) Il-finanzjament tal-EU ETS jinħtieġ li jkun koerenti mal-għanijiet tal-qafas politiku tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija għall-2030 u l-għanijiet fuq perijodu twil ta' żmien espressi fil-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-infiq pubbliku.
- (14) Id-dispożizzjonijiet eżistenti li qegħdin fis-seħħ għal installazzjonijiet żgħar li għandhom jiġu esklużi mill-EU ETS jippermettu lill-installazzjonijiet li huma esklużi jibqgħu tali, u jinħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jaġġornaw il-lista tagħhom ta' installazzjonijiet esklużi u li l-Istati Membri li bħalissa mhux qed jużaw din l-għażla li jagħmlu dan fil-bidu ta' kull perijodu ta' negozjar. Il-possibbiltà li jiġu inklużi attivitajiet addizzjonali u gassijiet fis-sistema għandha tkompli, mingħajr ma dawn jitqiesu bħala parteċipanti ġodda. Din il-possibbiltà għall-inklużjoni ta' attivitajiet u gassijiet addizzjonali wara l-2020 jinħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-kwantità tal-kwoti fl-Unjoni kollha skont l-ETS u l-ammonti derivati minnha.

[(15) integrat fil-premessa 6]

- (16) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tistabbilixxi Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għall-EU ETS sabiex il-provvista tal-irkant tkun aktar flessibbli u s-sistema ssir aktar reżiljenti. Din id-deċiżjoni tistipula wkoll li kwoti mhux allokatil lil min jidħol għal sal-2020 u dawk mhux allokatil minħabba waqfien u waqfien parzjali jitpoġġew fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq.
- (16a) EU ETS riformata u li tiffunzjona sew bi strument li jistabbilizza s-suq hija pilastru ewlieni għall-UE biex tilħaq il-mira miftiehma tagħha għall-2030 u l-impenji taħt il-Ftehim ta' Pariġi. Sabiex jiġi indirizzat l-iżbilanċ attwali bejn il-provvista u d-domanda tal-kwoti fis-suq, ser tiġi stabbilita Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq fl-2018 u ssir operazzjonali mill-2019 'l quddiem. Meta wiehded iqis il-ħtieġa li jingħata sinjal kredibbli ta' investiment biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ b'mod kosteffettiv u bil-ħsieb li tissaħħaħ l-EU ETS, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 għandha tiġi emendata sabiex jizjeddu sal-31 ta' Diċembru 2023 ir-rati perċentwali biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' kwoti li għandhom jitpoġġew fir-riżerva kull sena. Barra minn hekk, bħala miżura fit-tul biex jitjieb il-funzjonament tal-EU ETS, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fl-ewwel reviżjoni skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, mill-2024, jinħtieġ li l-kwoti miżmuma fir-riżerva li jkunu iżjed mill-għadd totali tal-kwoti rkantati matul is-sena ta' qabel ma jibqgħux validi. Reviżjonijiet regolari tal-funzjonament tar-riżerva għandhom jikkunsidraw jekk iżommux dawk ir-rati miżjuda u għandhom jikkunsidraw ukoll jekk hux meħtieġ li l-validità tal-kwoti miżmuma fir-riżerva tiġi limitata jekk l-għadd ta' kwoti miżmuma fir-riżerva jeċċedi ċertu limitu bħall-emissjonijiet ivverifikati minn installazzjonijiet taħt l-ETS tal-UE f'sena.
- (17) Sabiex tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex jiġu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġislattiv, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikolu 3d(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 10a(1) [...], l-Artikolu 10b, [...] l-Artikolu 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikolu 24, [...] u l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE. [...]

- (17a) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, fost l-oħrajn fuq il-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. F'dak li għandu x'jaqşam mad-delega fir-rigward tal-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, daww l-Istati Membri li ma jużawx il-pjattaforma komuni għall-irkant jistgħu jkomplu ma jagħmlux dan. Barra minn hekk, id-delega m'għandhiex tolqot id-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw l-użu tad-dħul mill-irkant tagħhom.
- (17b) Sabiex id-delegati lill-Kummissjoni jitnaqqsu kemm jista' jkun, is-setgħat eżistenti fir-rigward tat-tħaddim tar-riżerva speċjali, għall-attribuzzjoni ta' kwantitajiet ta' krediti internazzjonali li jistgħu jiġu skambjati u għall-ħolqien ta' aktar standards għal dak li jista' jiġi skambjat u ta' aktar regoli dwar l-għadd doppju fl-Artikolu 3f(9), jitħassru l-Artikolu 11a(9) u l-Artikolu 11b(7) tad-Direttiva 2003/87/KE. Atti adottati skont dawn id-dispożizzjonijiet jibqgħu japplikaw.
- (18) Sabiex żgur ikun hemm kundizzjonijiet ugwali għall-implimentazzjoni tat-tielet sat-tmien subparagrafu tal-Artikolu 10a(2), l-Artikolu 10a(8), l-Artikolu 10a(21), l-Artikolu 10d, l-Artikolu 14(1) u (2) u l-Anness IV, l-Artikolu 15 u l-Anness V, l-Artikolu 16 u l-Artikolu 24a tad-Direttiva 2003/87/KE, jinħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jinħtieġ li daww is-setgħat ta' implimentazzjoni [...] jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰.

¹⁰ Regolament (UE) Nru 182/2011 tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.02.2011, p. 13.

- (18a) Sabiex l-għoti ta' setgħat lill-Kummissjoni jitnaqqas kemm jista' jkun, is-setgħat eżistenti fir-rigward tal-adozzjoni ta' atti li jikkonċernaw it-tħaddim tar-riżerva speċjali, biex jiġu speċifikati aktar il-kwantitajiet ta' krediti internazzjonali għall-iskambju, għall-attribuzzjoni ta' kwantitajiet ta' krediti internazzjonali li jistgħu jiġu skambjati u għall-ħolqien ta' aktar standards għal dak li jista' jiġi skambjat u għal aktar regoli dwar l-għadd doppju fl-Artikolu 3f(9), l-Artikolu 11a(8), l-Artikolu 11a(9) u l-Artikolu 11b(7) tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jitħassru. Atti adottati skont dawn id-dispożizzjonijiet jibqgħu japplikaw.
- (18b) Atti adottati skont id-Direttiva 2003/87/KE dwar suġġetti li għalihom din id-Direttiva tagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati jew ta' implimentazzjoni jibqgħu japplikaw sakemm ma jitħassru jew jiġu emendati minn din tal-aħħar. Fil-każ tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, l-aħħar kolonna tal-Anness I tagħha ser titħassar jekk u meta l-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina ċ-ċifri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas. Sabiex iżżid il-prevedibbiltà u tissimplifika l-proċessi amministrattivi, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE għandha tkompli tapplika sa tmiem is-sena 2020.
- (18c) L-atti delegati u ta' implimentazzjoni msemmija f' din id-Direttiva, partikolarment fir-rigward ta' dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza, ir-rappurtar u l-verifika u dwar ir-Reġistru tal-Unjoni, jinħtieġ li jkollhom l-għan li jissimplifikaw ir-regoli u jnaqqsu l-piż amministrattiv kemm jista' jkun possibbli, mingħajr ma jdgħajfu l-integrità ambjentali, is-sigurtà jew l-affidabilità tal-EU ETS. Fit-tnejn ta' dawn l-atti, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tivvaluta l-effettività ta' regoli simplifikati ta' sorveljanza, inkluż għal unitajiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku ta' emerġenza u supplimentari, filwaqt li jittieħed kont tas-siġhat ta' operazzjoni kull sena, u għal emittenti żgħar oħra, u l-possibilitajiet biex dawn ir-regoli jiġu żviluppati aktar.

- (19) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni¹¹, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iżjed li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis, fejn xieraq, li t-trasmissjoni ta' dokumenti bħal dawn hija ġustifikata.
- (20) Din id-Direttiva tfittex li tikkontribwixxi għall-għan ta' livell għoli ta' ħarsien ambjentali skont il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli bl-aktar mod ekonomikament effiċjenti filwaqt li tagħti żmien adegwat lill-installazzjonijiet biex jadattaw ruħhom u tipprevedi trattament aktar favorevoli ta' persuni milquta b'mod speċjali b'mod proporzjonat sal-livell massimu kompatibbli mal-għanijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.
- (21) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (22) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹¹ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 1
Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE

Id-Direttiva 2003/87/KE hija emendata kif ġej:

(-1) F'din id-Direttiva, il-kelma "Komunità" hija sostitwita bil-kelma "Unjoni".

(-2) F'din id-Direttiva, il-kelma "skema" hija sostitwita bil-kelma "sistema".

(0) Fl-Artikolu 3, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) "installazzjoni li daħlet għida fis-suq" tfisser:

- kwalunkwe installazzjoni li twettaq waħda mill-attivitajiet indikati fl-Anness I jew aktar, li tkun kisbet permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra għall-ewwel darba fil-perijodu minn 3 xhur qabel id-data għall-preżentazzjoni tal-lista skont l-Artikolu 11(1), sa 3 xhur qabel id-data għall-preżentazzjoni tal-lista sussegwenti skont dak l-Artikolu [...].
- [...]

(1) Fl-Artikolu 3d(3), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta [...] atti delegati, skont l-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-direttiva dwar l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar mill-Istati Membri tal-kwoti mill-avjazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jew l-Artikolu 3f(8). L-għadd ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati f'kull perijodu minn kull Stat Membru għandu jkun proporzjonat għas-sehem tiegħu tat-total tal-emissjonijiet dovuti mill-avjazzjoni tal-Istati Membri kollha għas-sena ta' referenza rrappurtata skont l-Artikolu 14(3) u verifikati skont l-Artikolu 15. Għall-perijodu msemmi fl-Artikolu 3c(1), is-sena ta' referenza għandha tkun l-2010 u għal kull perijodu sussegwenti msemmi fl-Artikolu 3c is-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja li tispiċċa 24 xahar qabel il-bidu tal-perijodu li għalih jirreferi l-irkant. L-att delegat għandu jiżgura r-rispett tal-prinċipji stabbiliti bl-Artikolu 10(4)(1)."

- (2) Fl-Artikolu 3f, jitħassar il-paragrafu (9).
- (2a) Fl-Artikolu 6(1), jithassar it-tielet subparagrafu.
- (2b) [...] L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Koordinazzjoni mad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li, meta l-installazzjonijiet iwettqu attivitajiet li huma inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 2010/75/UE (*), il-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-ħruġ ta' permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra jiġu kkoordinati ma' daww għall-permess previst f'dik id-Direttiva. Ir-rekwiżiti tal-Artikoli 5, 6 u 7 ta' din id-Direttiva jistgħu jiġu integrati fil-proċeduri previsti fid-Direttiva 2010/75/UE.

(*)Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17)."

- (3) Fl-Artikolu 9, it-tieni u t-tielet paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Sa mill-2021, il-fattur lineari għandu jkun 2,2 %."

(4) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafi li ġejjin jiżdiedu mal-paragrafu 1:

"Mill-2021 'il quddiem, u mingħajr preġudizzju għal tnaqqis possibbli skont l-Artikolu 10a(5a), [...]is-sehem tal-kwoti li għandu jiġi rkantat [...] għandu jkun ta' 57 %.

2 % tal-kwantità totali tal-kwoti fil-perijodu ta' bejn l-2021 u l-2030 għandhom ikunu rkantati biex jiġi stabbilit fond għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u l-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija ta' ċerti Stati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 10d ta' din id-Direttiva ("il-Fond għall-Modernizzazzjoni").

Il-kwantità totali li jifdal tal-kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri għandha tkun distribwita skont il-paragrafu 2.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), "88 %" huwa mibdul b'"90 %";

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) 10 % tal-kwantità totali tal-kwoti li jridu jiġu rkantati għandhom ikunu distribwiti fost ċerti Stati Membri għal finijiet ta' solidarjetà, tkabbir u interkonnessjonijiet fl-Unjoni, b'hekk jiżdied l-ammont ta' kwoti li daww l-Istati Membri jirkantaw taħt il-punt (a) bil-perċentwali speċifikati fl-Anness IIa.";
[...]

(iii) il-punt (c) jiġihassar;

(iv) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Jekk meħtieġ, il-perċentwal imsemmi fil-punt (b) għandu jkun adattat b'mod proporzjonat biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tkun 10 %."

(c) fil-paragrafu 3 jiddaħħlu l-punti [...] li ġejjin:

"(j) [...]

(k) għal azzjonijiet ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima;

(l) għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-transizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali."

(d) [...] fil-paragrafu 4 l-ewwel subparagrafu u l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta [...] atti delegati, skont l-Artikolu 23, biex tissupplimenta din id-Direttiva dwar l-arranġamenti għall-ħinijiet, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar sabiex jiġi żgurat li jitwettagħ b'mod miftuħ, trasparenti, armonizzat u mhux diskriminatorju. Għal dan il-għan, il-proċess għandu jkun prevedibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħinijiet u s-sekwenzjar tal-irkanti u l-volumi stmati ta' kwoti li jridu jsiru disponibbli.

Dawk l-atti delegati għandhom jiżguraw li l-irkanti jitfasslu biex jiżguraw li:"

(4a) Fil-paragrafu 5, it-tieni sentenza tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Kull sena, hija għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju inkluż l-implimentazzjoni tal-irkanti, il-likwidità u l-volumi kkummerċjalizzati, u tiddekrivi fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar il-miżuri finanzjarji msemija fl-Artikolu 10a(6)."

(5) L-Artikolu 10a huwa emendat kif ġej:

(a) L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward ta' regoli fl-Unjoni kollha u kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemija fil-paragrafi 4, 5, 7 u 19 [...] ta' dan l-Artikolu [...]."

(b) is-subparagrafi li ġejjin huma miżjuda mal-paragrafu 2 [...]:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-finijiet li jiġu determinati l-valuri riveduti tal-parametru referenzjarju għall-allokazzjoni bla ħlas. Dawk l-atti għandhom ikunu konformi mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandhom jaderixxu ma' dan li ġej:

(a) Għall-perijodu mill-2021 sal-2025, il-valuri tal-parametru referenzjarju għandhom jiġu determinati abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 għas-snin 2016-2017. Abbażi ta' tqabbil tal-valuri tal-parametru referenzjarju bbażati fuq din l-informazzjoni mal-valur tal-parametru referenzjarju li jinsab fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278, kif adottata fis-27 ta' April 2011 (*), il-Kummissjoni għandha tiddetermina r-rata tat-tnaqqis annwali għal kull valur tal-parametru referenzjarju u tapplikah għall-valuri tal-parametru referenzjarju applikabbli fil-perijodu 2013-2020 fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2023 biex tiddetermina l-valuri tal-parametru referenzjarju għas-snin 2021-2025.

(b) Meta r-rata ta' tnaqqis annwali taqbeż 1,5 % jew tkun anqas minn 0,2 %, il-valuri tal-parametru referenzjarju għal 2021-2025 għandhom ikunu l-valuri tal-parametru referenzjarju applikabbli fil-perijodu 2013 sa 2020 imnaqqsqa bir-rata rilevanti minn dawn iż-żewġ rati perċentwali fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2023.

(c) Għall-perijodu minn 2026 sa 2030, il-valuri tal-parametru referenzjarju għandhom jiġu determinati bl-istess mod abbażi ta' informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 għas-snin 2021-2022 u bir-rata ta' tnaqqis annwali tapplika fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2028.

Permezz ta' deroga rigward il-valuri tal-parametru referenzjarju għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku, dawn il-valuri tal-parametru referenzjarju għandhom ikunu aġġustati bl-istess perċentwal bħall-parametri referenzjarji tar-raffineriji sabiex jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produtturi ta' dawn il-prodotti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a.

(*Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278 tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazżjoni armonizzata mingħajr hłas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1)."

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Sabiex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10, [...] f'kull sena fejn is-somma tal-allokazżjonijiet bla hłas ma tilħaqx il-livell massimu li jirrispetta s-sehem tal-irkantar tal-Istat Membru, il-kwoti li jifdal sa dak il-livell għandhom jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazżjonijiet bla hłas sabiex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar tal-Istat Membri fis-snin ta' wara. Fejn, madankollu, jintlaħaq il-livell massimu, l-allokazżjonijiet bla hłas għandhom ikunu aġġustati kif xieraq. Kull aġġustament bħal dan għandu jitwettaq b'mod uniformi.

5a. Permezz ta' deroga [...] mill-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, ammont addizzjonali sa 2 % tal-kwantità totali matul [...] għandu, sa fejn meħtieġ, jintuża biex jiżdied il-livell massimu disponibbli skont il-paragrafu 5.;"

(d) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri finanzjarji li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku dment li tali miżuri finanzjarji jkunu f'konformità mar-regoli tal-ġhajjnuna mill-Istat, b'mod partikolari ma jikkawżawx distorsjonijiet bla bżonn ta' kompetizzjoni fis-suq intern. **L-Istati Membri għandhom ifittxu li jużaw mhux aktar minn 25 % tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti għal miżuri finanzjarji bħal dawn.** Fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' kull sena, Stati Membri li jkollhom tali miżuri finanzjarji fis-seħħ għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku, b'mod li jkun aċċessibbli faċilment l-ammont totali ta' kumpens ipprovdut għal kull settur u sottosettur benefiċjarju. Fejn Stat Membru juża aktar minn 25 % tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti għal finijiet bħal dawn, huwa għandu jippubblika rapport li jispjega r-raġunijiet għalfejn eċċeda dak l-ammont. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni rilevanti dwar il-prezzijiet tal-elettriku għall-konsumaturi industrijali kbar, li jibbenefikaw minn miżuri finanzjarji bħal dawn, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar jekk ġewx ikkunsidrati kif dovut miżuri oħra biex jitnaqqsu b'mod sostenibbli l-ispejjeż indiretti tal-karbonju fuq perijodu ta' żmien medju sa twil. Il-Kummissjoni għandha tinkludi fir-rapport tagħha skont l-Artikolu 10 (5), fost oħrajn, valutazzjoni tal-effetti ta' tali miżuri finanzjarji fis-suq intern u, jekk adatt, tirrakkomanda kwalunkwe miżura li tista' tkun meħtieġa skont din il-valutazzjoni.”

(e) il-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej

(i) L-ewwel [...] subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kwoti mill-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu li ma kinux allokat i mingħajr hla sal-2020 għandhom jitwarrbu għal min jidħol ġdid [...], flimkien ma' 250 miljun kwota poġġuti fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq skont l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*).

Sa mill-2021, il-kwoti mhux allokatati għall-installazzjonijiet minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafi 19 u 20 għandhom jiżdiedu mal-ammont ta' kwoti mwarrba skont is-sentenza preċedenti.

(*) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1)."

(ii) Ir-raba' u l-ħames subparagrafi huma mħassra.

(f) fil-paragrafu 8, l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"400 miljun kwota mill-kwantità li kieku setgħu jiġu allokatati bla ħlas skont dan l-Artikolu għandhom ikunu disponibbli biex jappoġġjaw l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, inkluż il-qbid u l-użu ambjentalment sikur tal-karbonju (CCU) li jikkontribwixxu sostanzjalment biex jimmitigaw it-tibdil fil-klima, fis-setturi industrijali elenkati fl-Anness I, u biex jgħinu jstimulaw il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' [...] proġetti li għandhom l-għan ta' qbid u ħżin ġeoloġiku (CCS) ambjentalment sikur ta' kif ukoll ta' CO2 kif ukoll [...] ta' enerġija rinnovabbli innovattiva u teknoloġiji ta' ħżin tal-enerġija f'siti ġeografikament bilanċjati fit-territorju tal-Unjoni. Ser ikunu eliġibbli proġetti fl-Istati Membri kollha, inklużi proġetti fuq skala żgħira.

Barra minn hekk, 50 miljun kwota mhux allokatati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 għandhom jissupplimentaw kull riżorsa eżistenti li jifdal skont dan il-paragrafu għall-proġetti msemmija hawn fuq [...], qabel l-2021.

Il-proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti. Teknoloġiji li jirċievu appoġġ m'għandhomx ikunu kummerċjalment disponibbli għalissa, iżda suffiċjementement maturi biex ikunu lesti għal dimostrazzjoni fuq skala prekummerċjali. Sa 60 % tal-ispejjeż rilevanti tal-proġetti jistgħu jiġu appoġġati, li minnhom sa 40 % jistgħu ma jkunux dipendenti fuq il-prevenzjoni verifikata tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sakemm jintlaħqu t-tragwardi predeterminati, [...] u titqies it-teknoloġija użata.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni [...] rigward regoli dettaljati dwar l-operat tal-fond. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a."

(fa) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Il-Greċja, li kellha PDG per capita ta' inqas minn 60 % tal-medja tal-Unjoni fl-2014, tista' titlob, qabel l-applikazzjoni tal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, kwoti mill-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu li ma jkunux allokat i mingħajr ħlas sal-31 ta' Diċembru 2020, sa 20 miljun kwota għal kofinanzjament ta' mhux iżjed minn 60 % tad-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-elettriku tal-gżejjer fit-territorju tagħha. L-Artikolu 10d(2) għandu japplika mutatis mutandis għal kwoti bħal dawn. Jistgħu jintalbu kwoti f'każ li, minħabba aċċess ristrett għas-swieq tad-dejn internazzjonali, proġett maħsub għad-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-elettriku tal-gżejjer tal-pajjiż ma jkunx jista' jittwettaq u jekk il-BEI jikkonferma l-vijabbiltà finanzjarja u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-proġett."

(g) il-paragrafu [...] 10 **huwa** mħassar.

(h) fil-paragrafu 11, il-kliem "bil-ħsieb li tintlaħaq sitwazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda allokazzjoni gratis fl-2027" huma mħassra.

(i) il-paragrafi 12 sa 18 huma mħassra.

(j) il-paragrafu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"20. [...] Il-livell ta' kwoti b'xejn mogħtija lil installazzjonijiet li l-operat tagħhom żdied jew naqas b'aktar minn 15 % meta mqabbel mal-livell użat inizjalment biex jiddetermina l-allokazzjoni b'xejn għall-perijodu rilevanti msemmi fl-Artikolu 11(1) għandu, kif xieraq, jiġi aġġustat. Tali adattamenti għandhom isiru bi kwoti mill-ammont ta' kwoti mwarrba skont il-paragrafu 7 jew billi jiżdiedu miegħu."

(k) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"21. Sabiex tiġi applikata applikazzjoni effettiva, nondiskriminatorja u uniformi tal-adattamenti u l-livell limitu msemmi fil-paragrafu 20 u biex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a."

(6) L-Artikoli 10b u 10c huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 10b

Miżuri li jappoġġjaw ċerti industrij intensivi fl-enerġija f'każ ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju potenzjali

1. Setturi u sottosetturi fejn il-prodott jeċċedi 0,2 bil-multiplikazzjoni tal-intensità tal-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi terzi, iddefnita bħala l-proporzjon bejn il-valur totali tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi flimkien mal-valur tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u d-daqs totali tas-suq għaż-Żona Ekonomika Ewropea (il-fatturat totali flimkien mal-importazzjonijiet totali minn pajjiżi terzi), bl-intensità tal-emissjonijiet tagħhom, imkejla f'kgCO₂ diviża bil-valur miżjud gross (f'euro) tagħhom, għandhom jittqiesu li huma f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Setturi u sottosetturi bħal dawn għandhom ikunu allokat i kwoti mingħajr hla s għall-perijodu sal-2030 għal 100 % tal-kwantità determinata [...] skont l-Artikolu 10a.
2. Setturi u sottosetturi fejn il-prodott mill-multiplikazzjoni tal-intensità tal-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi terzi bl-intensità tal-emissjonijiet tagħhom huwa ogħla minn 0,16 jistgħu jkunu inklużi fil-grupp imsemmi fil-paragrafu 1, fuq il-bażi ta' valutazzjoni kwalitattiva bl-użu tal-kriterji li ġejjin:
 - (a) il-limitu sa fejn huwa possibbli għal installazzjonijiet individwali fis-settur jew sottosetturi kkonċernati li jnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet jew il-konsum tal-elettriku;
 - (b) il-karatteristiċi tas-suq attwali u previsti;
 - (c) il-marġni ta' profitt bħala indikatur potenzjali ta' deċiżjonijiet ta' investiment jew rilokazzjoni fit-tul.

2a. Setturi u sottosetturi li ma jeċċedux il-livell limitu msemmi fil-paragrafu 1, iżda b'intensità tal-emissjonijiet bħala proporzjon tal-valur gross miżjud li jeċċedi 1,5, għandhom jiġu vvalutati wkoll fil-livell ta' 4 figuri (kodiċi NACE-4). Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati ta' din il-valutazzjoni.

Fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija fis-subparagrafu preċedenti, daww is-setturi u s-sottosetturi jistgħu japplikaw lill-Kummissjoni jew għal valutazzjoni kwalitattiva tal-espożizzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell ta' 4 figuri (kodiċi NACE-4) jew valutazzjoni abbażi tal-klassifikazzjoni ta' materjal użat għal statistika dwar il-produzzjoni industrijali fl-Unjoni fil-livell ta' 8 figuri (Prodcom). Għal dan il-għan, settur u sottosettur għandhom jippreżentaw data verifikata li tkun debitament sostanzjata, sħiħa u verifikata b'mod indipendenti li tippermetti lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni flimkien mal-applikazzjoni.

Fejn settur jew sottosettur jagħżel li jiġi vvalutat fil-livell ta' 4 figuri (kodiċi NACE-4), dan jiista' jiġi inkluż fil-grupp imsemmi fil-paragrafu 1 abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2, punti (a), (b) u (c). Fejn settur jew sottosettur jagħżel li jiġi vvalutat fil-livell ta' 8 figuri (Prodcom), dan għandu jiġi inkluż fil-grupp imsemmi fil-paragrafu 1 fejn, f'dan il-livell, il-livell limitu ta' 0,2 msemmi fil-paragrafu 1 jinqabeż.

Setturi u sottosetturi li għalihom l-allokazzjoni bla ħlas tiġi kkalkulata abbażi tal-valuri tal-parametru referenzjarju msemmija fis-subparagrafu 4 tal-Artikolu 10a(2) jistgħu jitolbu wkoll li jiġu vvalutati f'konformità mas-subparagrafu 3 ta' dan il-paragrafu.

Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2, Stat Membru jista' jitlob sat-30 ta' Ġunju 2018 li settur jew sottosettur elenkat fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE fir-rigward ta' klassifikazzjonijiet fil-livell ta' 6 figuri jew 8 figuri (Prodcom) jitqies li jiġi inkluż fil-grupp imsemmi fil-paragrafu 1. Kull talba bħal din għandha tiġi kkunsidrata biss fejn l-Istat Membru li qed jagħmel it-talba jistabbilixxi li l-applikazzjoni ta' din id-deroga hija ġġustifikata fuq il-bażi ta' data debitament sostanzjata, kompleta, verifikata u awditjata għall-ħames snin l-aktar reċenti pprovduta mis-settur jew sottosettur ikkonċernat u li jinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha mat-talba tiegħu. Abbażi ta' din id-data, is-settur jew is-sottosettur ikkonċernat għandu jiġi inkluż fir-rigward ta' dawk il-klassifikazzjonijiet fejn, fi ħdan kodiċi eteroġenu NACE-4, jintwera li jkollu intensità tal-emissjonijiet u tal-kummerċ sostanzjalment oġhla fil-livell tal-Prodcom, li taqbeż il-limitu massimu stabbilit fil-paragrafu 1.

3. Setturi u sottosetturi oħrajn huma meqjusin li jistgħu jgħaddu aktar mill-ispejjeż tal-kwoti fil-prezzijiet tal-prodotti, u għandhom ikunu allokatu kwoti bla hłas għall-perijodu sal-2030 għal 30 % tal-kwantità determinata skont [...] l-Artikolu 10a.
4. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva dwar id-determinazzjoni ta' setturi u sottosetturi meqjusa li huma f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 2a, għall-attivitajiet f'livell ta' 4 numri (kodiċi NACE-4) fir-rigward tal-paragrafu 1, abbażi ta' data għat-tliet snin kalendarji l-aktar reċenti disponibbli [...].

Artikolu 10c

Għażla għal allokkazzjoni bla hłas tranżitorja għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10a(1) sa (5), l-Istati Membri li fl-2013 kellhom prodott domestiku gross (PDG) per capita f'euro għall-prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni jistgħu jagħtu allokkazzjoni bla hłas tranżitorja lil installazzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jorganizza proċess kompetittiv ta' offerti, li għandu jsir fi stadju wieħed jew aktar bejn l-2021 u l-2030, għal proġetti b'ammont totali ta' investiment li jeċċedi EUR 15-il miljun biex jiġu magħżula l-investimenti li għandhom ikunu ffinanzjati b'allokazzjoni bla ħlas. Dan il-proċess kompetittiv ta' offerti għandu:

- (a) jikkonforma mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni, trattament indaqs u ġestjoni finanzjarja tajba;
- (b) jiżgura li jkunu biss daww il-proġetti li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija u s-sorsi tal-provvista tagħhom, ir-ristrutturar meħtieġ, l-aġġornament ambjentali u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura, teknoloġiji ndaf jew l-modernizzazzjoni tas-setturi tal-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija li jkunu eliġibbli biex iressqu offerta;
- (c) jiddefinixxi kriterji tal-għażla ċari, oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji għall-klassifikazzjoni tal-proġetti, sabiex jiżgura li jintgħażlu proġetti li:
 - (i) fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, jiżguraw gwadann nett pożittiv f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u jirrealizzaw livell sinifikanti determinat minn qabel ta' tnaqqis ta' CO₂;
 - (ii) huma addizzjonali, jwieġbu b'mod ċar għall-ħtiġijiet ta' sostituzzjoni u modernizzazzjoni u ma jipprovdux żieda mmotivata mis-suq fid-domanda għall-enerġija;
 - (iii) joffru l-aħjar valur għall-flus;

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10(1), f'każ li investiment magħżul permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti jiġi kkanċellat jew il-prestazzjoni intenzjonata ma tintlaħaqx, il-kwoti allokati jistgħu jintużaw permezz ta' ċiklu ġdid ta' proċess kompetittiv ta' offerti mhux aktar kmieni minn sena wara sabiex jiġu ffinanzjati investimenti oħrajn.

Sat-30 ta' Ġunju 2019, kull Stat Membru li beħsiebu juża allokazzjoni bla ħlas mhux obligatorja għandu jippubblika qafas nazzjonali dettaljat li jistabbilixxi l-proċess kompetittiv ta' offerti u l-kriterji tal-għażla għall-kummenti tal-pubbliku.

Fejn investimenti b'valur ta' inqas minn EUR 15 -il miljun li għandhom jiġu appoġġati b'allokazzjoni bla ħlas ma jintgħażluz permezz tal-proċess kompetittiv imsemmi f' dan il-paragrafu, l-Istat Membru għandu jagħżel il-proġetti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti. Ir-riżultati ta' dan il-proċess ta' għażla għandhom jiġu ppubblikati għall-kummenti tal-pubbliku. Fuq din il-bażi, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi u jissottometti lista ta' investimenti lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2019.

3. Il-valur tal-investimenti maħsuba għandu jkun tal-anqas ugwali għall-valur tas-suq tal-allokazzjoni bla ħlas, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu limitati ż-żidiet fil-prezzijiet konnessi direttament. Il-valur tas-suq għandu jkun il-medja tal-prezz tal-kwoti fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant fis-sena kalendarja preċedenti.
4. L-allokazzjonijiet tranżitorji bla ħlas għandhom jitnaqqsu mill-kwantità tal-kwoti li l-Istat Membru kieku kien jirkanta. L-allokazzjoni bla ħlas totali ma għandhiex tkun iżjed minn 40 % tal-kwoti li l-Istat Membru kkonċernat jirċievi fil-perijodu 2021-2030 skont l-Artikolu 10(2)(a) mifruxa f'volumi annwali ugwali tul il-perijodu mill-2021-2030. Kwalunkwe kwota mhux allokata taħt dan l-Artikolu sa 2020 tista' tiġi allokata matul il-perijodu 2021-2030 għal investimenti magħżula permezz tal-proċess kompetittiv ta' offerti msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
5. L-allokazzjonijiet lill-operaturi għandhom isiru malli tingħata prova li investment magħżul skont ir-regoli tal-proċess kompetittiv ta' offerti jkun sar.
6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-ġeneraturi tal-elettriku u l-operaturi tan-netwerks li jibbenefikaw jirrapportaw sat-28 ta' Frar ta' kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-investimenti magħżula tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar dan lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tagħmel it-tali rapporti pubbliċi."

(7) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 10d

Fond għall-Modernizzazzjoni

1. Fond li jappoġġa l-investimenti propost mill-Istati Membri benefiċjarji, inkluż il-finanzjament ta' proġetti fuq skala żgħira, fl-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija u t-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fl-Istati Membri bi PDG per capita taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni fl-2013, għandu jiġi stabbilit għall-perijodu 2021-2030. Il-Fond għandu jkun iffinanzjat permezz tal-irkantar ta' kwoti kif stabbilit fl-Artikolu 10. L-investimenti appoġġati għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, kif ukoll l-oġettivi tal-qafas politiku tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030 u l-oġettivi fit-tul kif espressi fil-Ftehim ta' Pariġi.
- 1a. Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu 3 tal-paragrafu 4, ir-riżorsi finanzjarji mill-fond għandhom [...] jintużaw bħala prijorità biex isostnu investimenti fil-ġenerazzjoni u l-użu tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika, u l-immodernizzar tan-netwerks tal-enerġija, inkluż grilji għat-trasmissjoni tal-elettriku u ż-żieda ta' interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri. L-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fis-setturi li mhumiex koperti mill-Anness I għal din id-Direttiva għandhom ikunu eliġibbli wkoll.[...]
2. Il-fond għandu jopera taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri benefiċjarji. Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għandu jiżgura li l-kwoti jiġu rkantati b'konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet stipulati fl-Artikolu 10(4) u għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni tad-dħul. Huwa għandu jgħaddi d-dħul lill-Istati Membri wara deċiżjoni ta' żborż mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha fil-ħin. Id-dħul għandu jitqassam fost l-Istati Membri skont is-sehem stabbilit fl-Anness IIb, b'konformità mal-paragrafi 4 sa 9.

3. B'dan huwa stabbilit kumitat għall-investimenti għall-fond. Il-kumitat għall-investimenti għandu jkun magħmul minn rappreżentant minn kull Stat Membru benefiċjarju, il-Kummissjoni u l-BEI, u tliet rappreżentanti eletti mill-Istati Membri l-oħra għal perijodu ta' 5 snin. Huwa għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru li mhuwiex membru tal-kumitat għall-investimenti jista' jattendi laqgħat tal-kumitat bħala osservatur.

4. Qabel ma Stat Membru benefiċjarju jkun jista' jiddeċiedi li jiffinanzja investiment mis-sehem tiegħu tal-fond, għandu jippreżenta il-proġett ta' investiment lill-kumitat għall-investimenti u lill-BEI.

Meta l-BEI jikkonferma li investiment ikun jaqa' f' wieħed mill-oqsma elenkati fil-paragrafu 1a, l-Istat Membru jista' jipproċedi għall-finanzjament tal-proġett ta' investiment mis-sehem tiegħu.

Fejn investiment fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija, li jkun propost li jiġi ffinanzjat mill-fond, ma jaqax fl-oqsma [...] elenkati fil-paragrafu 1a [...], il-kumitat tal-investimenti għandu jevalwa l-vijabbiltà teknika u finanzjarja ta' investimenti bħal dawn, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet li huma jirrealizzaw, u jgħid rakkomandazzjoni dwar il-finanzjament tal-investiment mill-fond. Din ir-rakkomandazzjoni tista' tinkludi proposti rigward l-istrumenti ta' finanzjament adatti.

[4a tmexxa għal 5a]

5. Il-kumitat għall-investimenti għandu jistinka biex jadotta d-deċiżjonijiet b'kunsens. Jekk il-kumitat għall-investimenti ma jkunx jista' jiddeċiedi b'kunsens fl-iskadenza stabbilita mill-president, huwa għandu jieħu deċiżjoni permezz ta' maġġoranza sempliċi. [...]

Jekk rappreżentant tal-BEI ma japprovax il-finanzjament ta' investiment, rakkomandazzjoni [...] għandha tiġi adottata biss jekk maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha jivvotaw favur tagħha. [...] Ir-rappreżentant tal-Istat Membru li fih ikun ser jitwettaq l-investiment u r-rappreżentant tal-BEI ma għandhomx ikunu intitolati li jivvotaw f'dan il-każ. Dan is-subparagrafu m'għandux japplika għal proġetti fuq skala żgħira ffinanzjati permezz ta' self ipprovdut minn bank promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali li jservi għanijiet speċifiċi f'konformità mal-għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, sakemm taħt il-programm ma jintużax iżjed minn 10 % tas-sehem tal-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIb[...].

- 5a. Kwalunkwe att jew rakkomandazzjoni mill-BEI jew mill-kumitat tal-investiment skont il-paragrafi 4 u 5 għandu jsiru fil-ħin u [...] għandu jiddikjara r-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat. Tali atti u rakkomandazzjonijiet għandhom isiru pubbliċi.[...]
6. L-Istati Membri beneficijarji għandhom ikunu responsabbli għas-segwitu tal-implimentazzjoni fir-rigward tal-proġetti magħżula.
7. L-Istati Membri beneficijarji għandhom jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar l-investimenti ffinanzjati mill-fond. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandu jinkludi:
- (a) informazzjoni dwar l-investimenti ffinanzjati għal kull Stat Membru beneficijarju;
- (b) valutazzjoni tal-valur miżjud f'termini ta' effiċjenza enerġetika jew modernizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija miksuba permezz tal-investiment.
8. Il-kumitat tal-investimenti għandu jirrapporta kull sena lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza bl-evalwazzjoni [...] tal-investimenti. Sal-31 ta' Diċembru 2024, filwaqt li tqis is-sejbiet tal-kumitat tal-investimenti, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-oqsma għal proġetti [...] msemmija fil-paragrafu 1a u l-bażi li fuqha l-kumitat tal-investimenti jibbaża r-rakkomandazzjonijiet tiegħu [...].

9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni [...] rigward regoli dettaljati dwar l-operat tal-fond. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 22a."

(8) Fl-Artikolu 11(1), is-subparagrafu [...] li ġej għandu jiżdied:

"Lista ta' installazzjonijiet koperti minn din id-Direttiva għall-ħames snin li jibdew mill-1 ta' Jannar 2021 għandha tiġi sottomessa sat-[30 ta' Settembru 2018]¹², u listi għall-ħames snin sussegwenti għandhom ikunu sottomessi kull ħames snin minn hemm 'il quddiem. Kull lista għandha tinkludi informazzjoni dwar l-attività ta' produzzjoni, it-trasferimenti tas-šana u l-gassijiet, il-produzzjoni tal-elettriku u l-emissjonijiet fil-livell ta' subinstallazzjoni tul il-ħames snin kalendarji li jippreċedu s-sottomissjoni tagħha. L-allokazzjonijiet bla ħlas għandhom jingħataw biss lil installazzjonijiet fejn tiġi pprovduta tali informazzjoni."

(9) Fl-Artikolu 11a, jiġihassru l-paragrafi 8 u 9.

(10) Fl-Artikolu 11b jiġihassar il-paragrafu 7.

(11) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 13

Validità tal-kwoti

Il-kwoti maħruġa mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem għandhom ikunu validi għal perijodu indefinit. Il-kwoti maħruġa mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem għandhom jinkludu indikazzjoni li turi f'liema perijodu ta' għaxar snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2021 inħarġu, u jkunu validi għall-emissjonijiet mill-ewwel sena ta' dak il-perijodu 'l quddiem."

(12) Fl-Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni rigward l-arranġamenti dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet kif jinsabu fil-paragrafi 1 u 2 u fl-IV.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 22a."

¹² Id-data għandha tiġi deċiża fi stadju aktar tard b'kont meħud taż-żmien ta' approvazzjoni finali tal-abbozz ta' Direttiva.

(13) Fl-Artikolu 15, ir-raba' u l-ħames subparagrafi huma mibdula b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-verifika ta' rapporti dwar l-emissjonijiet ibbażati fuq il-prinċipji stipulati fl-Anness V, u għall-akkreditament u s-superviżjoni ta' verifikaturi. Għandha tispjega l-kondizzjonijiet għall-akkreditament u t-teħħija tal-akkreditament, għar-rikonoxximent reċiproku, u l-valutazzjoni bejn il-pari tal-entitajiet tal-akkreditament, kif ikun xieraq.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a."

(14) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 12 huwa mibdul b'dan li ġej:

"12. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkun fihom regoli dettaljati fir-rigward tal-proċeduri msemmija f'dan l-artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22a."

(15) [...]L-Artikolu 19(3) [...] huwa sostitwit b'dan li ġej:

"[...] Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi r-rekwiżiti kollha meħtieġa mir-Reġistru tal-Unjoni għall-perijodu ta' skambju li jibda mill-1 ta' Jannar 2013 u perijodi sussegwenti fil-forma ta' bażijiet ta' data elettroniċi standardizzati li jkun fihom elementi komuni ta' data biex jirrintraċċaw il-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, kif rilevanti, u biex tipprovdi aċċess u kunfidenzjalità pubblika, kif xieraq. "Għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jimplimentaw regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti fi ftehimiet biex jiġu konnessi s-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet."

(15a) Fl-Artikolu 21, jizzied il-paragrafu li ġej:

"4. Kull tliet snin, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu wkoll jagħti attenzjoni partikolari għall-miżuri ekwivalenti adottati għal installazzjonijiet żgħar esklużi mill-EU ETS. Din il-kwistjoni għandha tiġi kkunsidrata fl-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 3."

(16) Fl-Artikolu 22, it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex temenda l-Annessi għal din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-Annessi I, IIa u IIb, fejn xieraq, fid-dawl tar-rapporti previsti fl-Artikolu 21 u tal-esperjenza tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Annessi IV u V jistgħu jiġu emendati sabiex jittiejbu l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet".

(17) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 22a

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit bl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħtix opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."

(18) L-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 23

L-eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati hija kkonferita fuq il-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemija fl-Artikolu 3d(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 10a(1) [...], l-Artikolu 10b, [...], l-Artikolu 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikolu 24 [...] u l-Artikolu 25a għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat minn (*).

(*) id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġislattiv bażiku.

3. Id-delega ta' setgħat msemija fl-Artikolu 3d(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 10a(1) u [...], l-Artikolu 10b, [...] l-Artikolu 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikolu 24 [...] u l-Artikolu 25a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.
- 3a. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3d(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 10a(1) [...], l-Artikolu 10b, [...], l-Artikolu 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikolu 24 [...] u l-Artikolu 25a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhumix ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(19) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Mill-2008, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, skont din id-Direttiva, għall-attivitajiet u għall-gassijiet serra li mhumex elenkati fl-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-kriterji kollha rilevanti, speċjalment l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali tas-sistema tal-Unjoni u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' rappurtar li tkun ippjanata, dment li l-inklużjoni ta' dawn l-attivitajiet u gassijiet serra tkun approvata mill-Kummissjoni, skont l-atti delegati li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 23, jekk l-inklużjoni tirreferi għal attivitajiet u gassijiet serra li mhumex elenkati fl-Anness I.”;

(b) it-tieni sentenza tal-paragrafu 3 tiġi mibdula b'li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex timplimenta din id-direttiva għal dak il-għan".

(20) L-Artikolu 24a huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Miżuri bħal dawn għandhom ikunu konsistenti mal-atti adottati skont l-Artikolu 11b(7). [...] Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li fihom regoli armonizzati fir-rigward tal-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a".

(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar.

(21) L-Artikolu 25(2) huwa mħassar.

(22) Fl-Artikolu 25a, l-ewwel żewġ subparagrafi tal-paragrafu 1 jinbidlu b'dan li ġej:

"Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis tal-impatt tat-tibdil fil-klima minn titjiriet li jtilqu minn dak il-pajjiż li jinżlu fl-Unjoni, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-pajjiż terz, u mal-Istati Membri fil-Komitat imsemmi fl-Artikolu 23(1), għandha tqis l-għażliet disponibbli sabiex tistipula l-aħjar interazzjoni bejn is-sistema tal-Unjoni u l-miżuri ta' dak il-pajjiż.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex temenda l-Anness I għal din id-Direttiva biex jiġu previsti titjiriet li jaslu mill-pajjiż terz ikkonċernat sabiex dawn jiġu esklużi mill-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I jew biex tiġi prevista kull emenda oħra għall-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I li huma meħtieġa minn ftehim konkluż skont l-Artikolu 218 tat-Trattat.

(22a) Fl-Artikolu 27(3), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Kwalunkwe installazzjoni bħal din għandha tibqa' fis-sistema tal-Unjoni għall-bqija tal-perijodu msemmi fl-Artikolu 11(1) li matulu kienet introdotta mill-ġdid fiha."

(22b) L-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 30

Evalwazzjoni fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi
u l-iżvilupp tas-swieq tal-karbonju f'ekonomiji ewlenin oħra

1. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva [...] għandhom jibqgħu taħt evalwazzjoni fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali u sforzi meħuda biex jintlaħqu l-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.
 2. Il-miżuri biex jiġu appoġġati ċertu industrijiet enerġetika intensivi li jistgħu ikunu soġġetti għall-emissjonijiet tal-karbonju msemmija fl-Artikoli 10a u 10b għandhom jinżammu taħt osservazzjoni wkoll fid-dawl tal-miżuri politiki dwar it-tibdil fil-klima f'ekonomiji maġġuri oħra.
 3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara kull rendikont globali miftiehem fil-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa għal politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl tat-tnaqqis meħtieġ ta' gassijiet serra mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u tista' tagħmel proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda d-Direttiva kif xieraq."
- (23) Fl-Anness IIa tad-Direttiva 2003/87/KE, l-entrati għall-Belġju, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Iżvezja huma mħassra.
- (24) L-Anness IIb għad-Direttiva 2003/87/KE huwa mibdul bit-test li jidher fl-Anness I għal din id-Direttiva.

(25) L-Anness IV huwa emendat skont [...] l-Anness II għal din id-Direttiva.

Artikolu 1a

Emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 huwa emendat kif ġej:

(1) **fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5, tizzied is-sentenza li ġejja:**

"Permezz ta' deroga, sal-31 ta' Diċembru 2023, il-perċentwali u l-kwoti ta' 100 miljun imsemmija f'dan is-subparagrafu għandhom jiġu rduppjati [...]."

(2) **[...] jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

"5a. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fl-ewwel reviżjoni skont l-Artikolu 3, mill-2024, il-kwoti miżmuma fir-riżerva li jkunu iżjed mill-għadd totali tal-kwoti rkantati matul is-sena ta' qabel ma għandhomx jibqgħu validi."

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw daww id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3
Dispożizzjoni tranżitorja

Meta jikkonformaw mal-obbligu tagħhom kif jinsabu fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom li tittrasponi l-Artikolu 10, l-Artikolu 10a(5) sa (7), l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 10a(8), l-Artikolu 10a(12) sa (18), l-Artikolu 10c u l-Artikolu 11a(8) u (9) u l-Anness IIa u l-Anness IIb tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendata l-aħħar bid-Deċizzjoni (UE) 2015/1814, tkompli tapplika sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE¹³ għandha tibqa' tapplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 4
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Għall-Kunsill*

Il-President *Il-President*

¹³ Id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2014/746/UE tas-27 ta' Ottubru 2014 li tiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lista ta' setturi u sottosetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, għall-perijodu mill-2015 sal-2019 (ĠU L 308, 29.10.2014, p. 114).

[...]

ANNEX I

L-Annex IIB għad-Direttiva 2003/87/KE huwa mibdul b'dan li ġej:

“ANNEX IIB

Distribuzzjoni ta' fondi mill-Fond għall-Modernizzazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2030

	Sehem mill-Fond għall- Modernizzazzjoni
Il-Bulgarija	5,84 %
Ir-Repubblika Ċeka	15,59 %
L-Estonja	2,78 %
Il-Kroazja	3,14 %
Il-Latvja	1,44 %
Il-Litwanja	2,57 %
L-Ungerija	7,12 %
Il-Polonja	43,41 %
Ir-Rumanija	11,98 %
Is-Slovakkja	6,13 %"

Fl-Anness IV, Parti A, għad-Direttiva 2003/87/KE, il-paragrafu taħt ir-raba' intestatura intitolat “Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet oħra tas-serra” **huwa** mibdul b'dan li ġej:

“Għandhom jintużaw metodi standardizzati jew metodi aċċettati, żviluppati mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti u adottati skont l-Artikolu 14(1).”.
